# Ejja nsajru poeżija

Niftħu l-ktieb tal-fantasija,
Inqallu s-sitt vokali,
Litru konsonanti likwidi,
U nħallu kollox jagħli.

Niskata ta' tixbiha,
Il-meraq ta' tbissima,
U ngħarrqu dit-taħlita
Ġo stokk ta' ritmu w rima.

Nerħulha l-borma ttektek
Fis-skiet u l-kenn tal-kċina
Biex toqgħod kwieta toħlom
Il-ħolma t'ikla bnina.

Imbagħad meta d-dar kollha
Bil-fwieħa tkun mimlija,
Inqassmu fuq il-mejda
Il-platti tat-tnedija.

Kulħadd madwarna jersaq biex jippranza
U aħna nservu kollox stanza stanza.



## Ir-RiĠeL tar-RaĠeL

Ir-RiĠeL tar-RaĠeL
It-TiFeL tat-TaFaL
It-ToRoK bit-TaReK
Il-BoLoL bla BaLaL

Il-ĦaTaB bla ĦoToB
Il-FiReM bla FoRoM
BuQaR mimli BaQaR
Mar BaRaM salt BoRoM

FeLuL qalb il-FoLoL
Sab SaFaR mas-SoFoR
NeMuS fuq in-NeMeS
John ĦaFeR bla ĦoFoR



